MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 10/2010/1

**Wara l-mandat ta' sekwestru esekuttiv prezentat fid-19 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet:-**

**Noel Sultana**

**Vs**

**Andrew Mercieca**

**Artikolu 166A tal-Kap. 12 – L-ittra ufficjali ghandu jkollha *ad validitatem* dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba – Tifsira tal-frazi li d-dejn irid ikun *"li ghalaq"*.**

Permezz ta' rikors prezentat minn Andrew Mercieca fit-22 ta' Jannar 2010 li permezz tieghu qieghed jitlob li l-qorti thassar it-titolu ezekuttiv li ghandu l-intimat Noel Sultana ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12. It-talba tar-rikorrenti hi msejsa fuq dawn ir-ragunijiet:-

1. L-ittra ufficjali prezentata minn Noel Sultana saret lill-qorti illi m'ghandix kompetenza *ratione valoris*, u anzi hi qorti li ma tezistix f'Malta.
2. Id-dejn li jissemma fl-ittra ufficjali prezentata fl-20 ta' Novembru 2009 m'huwiex dovut ghaliex *"preskritt ai finijiet u effetti kollha tal-ligi (stante illi x-xoghol ta' panel beating/spray illi huwa ghamel, kemm-il darba huwa qed jirreferi ghal dan fl-ittra tieghu (i), saru 'l fuq minn tlett (3) snin ilu), u ghaldaqstant mhux legalment dovut."*.
3. L-ittra ufficjali prezentata fl-20 ta' Novembru 2009 hi nulla in kwantu ma fihiex ir-raguni li fuqha hi msejsa t-talba, ghalfejn ghandha tintlaqa' t-talba u dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010 il-qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. Fl-20 ta' Novembru 2009 Noel Sultana ta' AutoClin Services, Triq Masri, Xaghra, Ghawdex ipprezenta ittra ufficjali *"Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sezzjoni Generali"* ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, u nterpella lil Andrew Merceica sabiex ihallas l-ammont ta' elfejn tlett mija u hmistax-il Ewro u tlieta u sittin centezmu u tlieta u sittin centezmu (€2,315.63) ghal *"xoghol u parts illi huwa ghamel fuq struzzjonijiet tieghek u liema dejn huwa cert, likwidu u dovut."*.
2. Andrew Mercieca ma pprezentax nota fit-termini tal-Artikolu 166A sabiex jikkontesta l-imsemmija ittra ufficjali.
3. Fid-19 ta' Jannar 2010 Noel Sultana pprezenta mandat ta' sekwestru ezekuttiv (10/2010) ghas-somma ta' €2,315.63, imghax u spejjez.

It-titolu ezekuttiv li jkollu kreditur bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ghandu jigi dikjarat null u bla effett meta *"...... l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*.

**<u>L-Ewwel Ilment</u>**.

Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tapplika ghal dejn li ma jkunx jeccedi s-somma ta' €23,293.73. Skond l-Artikolu 47 tal-Kap. 12 qorti inferjuri hi kompetenti sabiex tiddeciedi pretensjonijiet sa l-ammont ta' €11,646.87. L-Artikolu 166A(1), (2) u (3) ma jipprovdix quddiem liema qorti ghandha tigi prezentata l-ittra ufficjali. Sultana pprezenta l-ittra ufficjali ***"Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sezzjoni Generali"***. F'Ghawdex il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghandha kompetenza inferjuri u superjuri. Skond l-Artikolu 2 tal-Att li Jbiddel l-isem tal-Qrati Inferjuri (Kap. 340), meta jigi prezentat att fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza civili, *"....ghandu jitnizzel li dak l-att ikun qieghed jigi prezentat **fil-kompetenza inferjuri taghha, jew fil-kompetenza superjuri civili**......jew bhala qorti ta' gurisdizzjoni volontarja"*. Il-qorti ma taqbilx mal-argument ta' Mercieca li l-ittra ufficjali giet prezentata quddiem qorti li ma tezistix in kwantu giet prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li hi qorti. L-uniku dubju li jista' jkun hemm hu jekk saritx quddiem il-qorti inferjuri jew dik superjuri, ghalkemm hu biss fil-qorti superjuri li jezistu tlett sezzjonijiet differenti, Volontarja, is-Sezzjoni tal-Familja, is-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali[1]. Pero' din m'hijiex wahda mill-htigijiet li jissemmew fl-Artikolu 166A (1),(2) u (3) u fil-fehma tal-qorti t-titolu ezekuttiv ma jistax jigi mpunjat fuq din il-bazi.

**<u>Tieni Ilment.</u>**

Mercieca jsostni li l-kreditu m'huwiex dovut ghaliex milqut mill-preskrizzjoni u ghalhekk l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ma japplikax ghall-kaz in ezami. Il-ligi tipprovdi li d-dejn irid ikun *"cert, likwidu u **li ghalaq** u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt."* u ma jeccedix is-somma ta' €23,293.73. Il-kliem ***"li ghalaq"*** ifisser li d-dejn ma jkunx soggett ghal xi kundizzjoni jew terminu stabbilit ghall-hlas, jew li l-kundizzjoni tkun grat u t-terminu skada. Fil-kaz taghna m'hemm xejn minn dan. L-ilment li d-dejn hu preskritt m'ghandha x'taqsam xejn mal-htiega li d-dejn ikun ***"ghalaq"***.

---

[1] Ara Avviz Legali 396 tal-2003 – Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili.

**<u>Tielet Ilment.</u>**

L-Artikolu 166A jipprovdi li fl-ittra ufficjali: *“ghandu jigi dikjarat b’mod car,* ***taht piena ta’ nullità****, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa’, u dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”*. Mela dan hu wiehed mill-htigijiet li tezigi l-ligi u li minhabba fih jista’ jhassar titolu ezekuttiv li kreditur jottjeni bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12. Fl-ittra ufficjali jinghad li Sultana qieghed jinterpella lil Mercieca sabiex ihallas €2,315.63, ***“....dovuti lill-mittenti ghal xoghol u parts illi huwa ghamel fuq struzzjonijiet tieghek u liema dejn huwa cert, likwidu u dovut.”***. Ma jirrizultax li mal-att gudizzjarju intbaghat kopja tal-kont.

Jibda biex jinghad li fl-ittra ufficjali jinghad li qeghda tintbaghat *“taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12”* , filwaqt li fl-ahhar parti tal-att jinghad: *“Din l-ittra qed tintbaghat lilek a tenur ta’ l-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.”*, li jittratta dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap. 12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta’ kawzi li jsiru billi ntroduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta’ €23,293.73 l-ammont li ghalih tista’ tintuza din il-procedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha ***“dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”***. Il-kliem ***“ghal xoghol u parts”*** m’huwiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha *“dikjarazzjoni tal-fatti”*. Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollix titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista’ jottjeni titolu ezekuttiv b’semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunita’ kollha li f’kaz ta’ dubju jipprezenta nota fit-terminu ta’ 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b’hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madankollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha ***“dikjarazzjoni tal-fatti b’sostenn tat-talba.”***. Madankollu dan ir-rekwizit hu *ad validitatem* u s-sanzjoni hi n-nullita’ tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur

ghandu obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali in-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol[2], meta sar ix-xoghol, u spjega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li saru u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda ghar-raguni hawn fuq moghtija:-**

**1. Tiddikjara nulla l-ittra ufficjali numru 791/2009 prezentata fl-20 ta' Novembru 2009 minn Noel Sultana kontra Andrew Mercieca u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv.**

**2. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 10/2010 fl-ismijiet Noel Sultana vs Andrew Mercieca.**

**Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Il-qorti qeghda tifhem li l-hlas qieghed jintalab ghal xoghol li sar fuq vettura ghaliex l-indirizz ta' Sultana hu "AutoClin Services" u waqt is-smiegh tar-rikors gie konfermat li l-kaz jittratta dwar xogholijiet li saru fuq il-vettura.